IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2013
COM(2013) 740 final

2013/0361 (APP)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

SFOND

Is-Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi (SST) twaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2003 ((2003/174/KE), li fformalizzat il-prattika li ilha mill-1997, li jsiru laqgħat ta' livell għoli informali fill-qafas tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi, u sussegwentement l-Istrateġija ta' Lisbona.
Il-Kummissjoni pproponiet id-Deċiżjoni tal-2003 biex tistituzzjonalizza l-prattika ta' konsultazzjonijiet ta' livell għoli bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba soċjali tal-UE. Il-proposta involviet l-abolizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Impjiegi preċedenti, li kien twaqqaf fl-1970 u ġie riformat fl-1999, iżda li nstab li kien wisq peżanti biex ikun forum xieraq għall-konsultazzjoni tal-UE mal-imsieħba soċjali—, b'mod partikolari minħabba t-tkabbir, u f'dak iż-żmien, minħabba l-prospett ta' format tal-UE b'27 stat membru. Kien ukoll wisq limitat biex jippermetti lill-imsieħba soċjali jkunu involuti fl-istrateġija tal-impjiegi tal-UE u l-istrateġija integrata ekonomika u soċjali tal-UE li ħarġet mit-Trattat ta' Amsterdam u l-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tal-2000.
Sa mill-2003, l-SST kien avveniment separat mil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, u b'mod ġenerali laħaq l-għan tiegħu li jiffaċilita l-iskambju ta' ideat fl-ogħla livell bejn il-Kummissjoni, il-Presidenza tal-UE u l-imsieħba soċjali tal-UE dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali tal-Istrateġija ta' Lisbona (mill-2010, u mbagħad tal-Istrateġija Ewropea 2020). Sakemm daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-laqgħat kienu kopreseduti mill-Presidenza tal-Kunsill u l-President tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni tal-2003 tat-rwol ukoll liż-żewġ Presidenzi sossegwenti.
Fil-Komunikazzjoni tagħha (COM(2013)690) tat-2 ta' Ottubru 2013 dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM, il-Kummissjoni ħabbret li se tippreżenta proposta għal reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2003.

GĦALIEX JEĦTIEĠ LI D-DEĊIŻJONI TIĠI RIVEDUTA?

It-Trattat ta' Lisbona introduċa bidliet istituzzjonali sinifikanti, li jiġġustifikaw reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2003:

– Huwa istituzzjonalizza lill-Kunsill Ewropew u ħoloq ir-rwol tal-President tal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 15 tat-TUE);
– Huwa għaraf ir-rwol tal-SST bħala parti mid-djalogu soċjali tal-UE (l-Artikolu 152 tat-TFUE);
– Huwa ħassar l-Artikolu 202 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija, li kien il-bażi legali użata biex tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-2003 (il-funzjonijiet tal-Kunsill issa huma stabbiliti fl-Artikolu 16 tat-TUE, u l-prinċipji tal-komitoloġija jinsabu fl-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE).

Wara l-bidla istituzzjonali li introduċa t-Trattat ta' Lisbona biex tinħoloq il-funzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2003 li tistabbilixxi Summit Tripartit Soċjali għandha bżonn reviżjoni. Biex tinżamm il-loġika tat-Trattat u tal-kuntest istituzzjonali tal-SST, ir-rwol u r-responsabbiltajiet li ġew attribwiti lill-Presidenza ta' rotazzjoni tal-Kunsill bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2003, għandhom jiġu ttrasferiti fuq il-funzjoni ġdida li għadha kif inħolqot tal-President tal-Kunsill Ewropew.

Barra minn hekk, il-qafas ġenerali politiku jeħtieġ reviżjoni biex ikun jispeċifika kif l-SST għat-Tkabbir u l-Impjiegi tikkontribwixxi għall-governanza ġenerali u biex l-Istrateġija Ewropa 2020 tieħu post l-Istrateġija ta' Lisbona.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

Minħabba l-bażi legali li ntgħażlet (ara taħt), mhijiex meħtieġa konsultazzjoni formali tal-imsieħba soċjali, iżda l-imsieħba soċjali transindustrijali tal-UE ġew ikkonsultati b'mod informali dwar is-sustanza ta' din ir-reviżjoni. L-idea ta' reviżjoni limitata/teknika biex jitwettqu t-tibdiliet tekniċi meħtieġa bħala riżultat tal-bidliet istituzzjonali li introduċa t-Trattat ta' Lisbona, sabet appoġġ mifrux.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

<u>IL-BAŻI LEGALI</u>

Il-bażi legali għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun l-Artikolu 352 tat-TFUE.

<u>L-ASPETTI INTERISTITUZZJONALI TAR-REVIŻJONI</u>

Aspett speċifiku tar-reviżjoni tikkonċerna r-rappreżentazzjoni tal-Kunsill. Fil-format kurrenti tal-laqgħat tal-SST, jipparteċipaw il-Presidenza tal-Kunsill u ż-żewġ presidenzi sussegwenti. B'mod speċifiku, il-prattika attwali li ilha sseħħ mill-2010 tinvolvi l-arranġamenti li ġejjin:

– l-inviti uffiċjali jiġu ffirmati mill-President tal-Kunsill Ewropew, mill-President tal-Kummissjoni u mill-Kap ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-UE;

– il-laqgħa tkun kopreseduta mill-President tal-Kummissjoni u mill-President tal-Kunsill Ewropew, li rispettivament jagħmlu l-ftuħ u l-għeluq tagħha. Il-Kap ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza jindirizza l-laqgħa darba;

– il-Presidenza tal-Kunsill u ż-żewġ presidenzi sussegwenti jipparteċipaw fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern u tal-ministri għall-impjieg.

B'interpretazzjoni legalment stretta tal-Artikolu 15 tat-TUE, wieħed jista' jirraġuna li l-kontinwità tal-parteċipazzjoni tal-Kunsill tista' ssir bil-parteċipazzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew waħdu. U għaldaqstant ma għadx hemm bżonn li jipparteċipaw it-tliet presidenzi suċċessivi.
Iżda bis-saħħa tal-esperjenza pożittiva li ta dan il-format, li ilhu segwit sa mill-2010, u tal-approvazzjoni li ntlaqa' biha, il-Kummissjoni hija favur soluzzjoni prammatika li tkompli tibni fuq il-prattika attwali. Dan ifisser li l-parteċipazzjoni tat-tliet presidenzi suċċessivi, fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, u fil-livell tal-ministri għall-impjieg, għadha ġġustifikata minħabba l-kontinwità tal-kompiti tal-Kunsill taħt ir-responsabbiltà tal-presidenzi ta' rotazzjoni.

<u>IL-FREKWENZA</u>

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill attwali tistipula li l-SST għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, qabel il-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa. Fil-prattika, l-SST iltaqa' darbtejn fis-sena, bl-involviment interattiv tal-presidenzi attwali sa mill-2003, qabel il-laqgħat tar-rebbiegħa u tal-ħarifa tal-Kunsill Ewropew.
Il-Kummissjoni tqis li, għal darba oħra, l-esperjenza tal-prattika attwali hija pożittiva u li l-ħtieġa ta' konkordanza effiċjenti u viżibbli u f'livell għoli, bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba soċjali tal-UE tiġġustifika li jsiru żewġ laqgħat fis-sena tal-SST. Ir-reviżjoni

tikkonferma l-prattika ta’ laqgħat tal-SST qabel il-laqgħat tar-rebbiegħa u tal-ħarifa tal-Kunsill Ewropew.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Mhux applikabbli

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

L-ARGUMENTI FAVUR REVIŻJONI LIMITATA/ĦAFIFA

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex biħsiebha tutilizza l-opportunità li tagħti din ir-reviżjoni biex twettaq studju fil-fond tal-funzjonament tas-Summit Soċjali Tripartitiku. L-imsieħba soċjali dejjem qiesu lis-Summit bħala forum privileġġat fejn jiddiskutu kwistjonijiet soċjali u dwar l-impjieg fl-ogħla livell, qabel il-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa u tal-ħarifa, fil-preżenza tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern u tal-ministri tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali tal-presidenzi ta' rotazzjoni. Dan jipprovdi wkoll opportunità għar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE li jattendu l-SST biex jisimgħu l-fehmiet u l-proposti miż-żewġ naħat tas-sħubija tad-djalogu soċjali, u dan jippermettilhom li sussegwentement jgħaddu dawn il-fehmiet lill-membri tal-Kunsill Ewropew.

Il-Kummissjoni hija favur proposta li taddatta d-Deċiżjoni attwali għal mat-tibdiliet istituzzjonali li rriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona, filwaqt li tirrifletti r-riżultati pożittivi tal-esperjenza prattika riċenti tal-SST. Iddaħħlu wkoll ftit aġġustamenti tal-editjar biex itejbu l-kwalità teknika tat-test. Dan se jiżgura proċess ta' reviżjoni b'ħeffa.

2013/0361 (APP)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 352,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tat-TUE jistipula li wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tiġi żviluppata ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, bil-mira li jkun hemm okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali.

(2) Meta tkun qiegħda tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet, l-Unjoni trid tqis id-dimensjoni soċjali tagħhom, b'mod speċifiku r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, b'konformità mal-Artikolu 9 tat-TFUE.

(3) L-Unjoni tirrikonoxxi u tippromwovi lir-rwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tagħha, u tiffaċilita d-djalogu bejniethom filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 152 tat-TFUE.

(4) Biex tippromwovi l-konkordanza f'livell għoli mal-imsieħba soċjali tal-UE dwar l-istrateġija ġenerali stabbilita mill-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, l-Unjoni waqqfet Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li issa ġie rikonoxxut fl-Artikolu 152 tat-TFUE bħala komponent integrali tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE.

(5) L-Unjoni u l-Istati Membri huma impenjati li jikkooperaw fil-qafas ta' strateġija integrata maħsuba biex tagħti spinta lill-potenzjal tal-UE għat-tkabbir u għall-impjiegi tul l-għaxar snin mill-2010 sal-2020, l-Istrateġija Ewropa 2020. Hija qed timmira lejn koordinazzjoni miżjuda bejn il-politiki nazzjonali u dawk Ewropej.

(6) L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li ttejjeb is-sjieda u l-involviment tal-imsieħba soċjali fl-Istrateġija Ewropa 2020 biex dan jippermettilhom jikkontribwixxu attivament għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-istrateġija.

(7) Ir-Regolament 1175/2011 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika jenfasizza li l-imsieħba soċjali

[1] ĠU C , , p. .

għandhom ikunu involuti fil-qafas tas-Simestru Ewropew, fil-kwistjonijiet ta’ politika ewlenija, fejn rilevanti, b’konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u l-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali.

(8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta’ Ġunju 2013, il-Kunsill Ewropew innota li d-dimensjoni soċjali tal-UEM għandha tissaħħaħ, u f’dan il-kuntest enfasizza r-rwol ewlieni tal-imsieħba soċjali u tad-djalogu soċjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha (COM (2013) 690) tat-2 ta’ Ottubru 2013 dwar id-dimensjoni soċjali tal-UEM, indirizzat il-kwistjoni li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livelli nazzjonali u tal-UE u ħabbret proposta biex issir reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2003.

(9) Mit-twaqqif tiegħu bid-Deċiżjoni tal-Kunsill fl-2003, is-Summit Soċjali Tripartitiku laħaq l-għan ewlieni tiegħu li jippermetti konkordanza ta' livell għoli. Huwa kkontribwixxa b'mod pożittiv għall-iżvilupp tad-djalogu soċjali f'livell tal-UE skont l-Istrateġija ta' Lisbona tul l-għaxar snin mill-2000 sal-2010 u skont l-Istrateġija attwali Ewropa 2020.

(10) Il-kompiti u l-isħubija tas-Summit Soċjali Tripartitiku għandhom jiġu addattati biex iqisu t-tibdiliet istituzzjonali li saru minħabba t-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-ħolqien tal-funzjoni ta' President tal-Kunsill Ewropew, kif stipulat fl-Artikolu 15 tat-TUE.

(11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-organizzazzjoni u t-tħaddim tas-sistemi nazzjonali ta' relazzjonijiet industrijali u djalogu soċjali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kompitu

Il-kompitu tas-Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi, b'konformità mat-Trattat u b'attenzjoni xierqa għall-poteri tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, għandu jkun li jiżgura li jkun hemm konkordanza kontinwa bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali. Huwa se jippermetti lill-imsieħba soċjali li jikkontribwixxu, f'livell Ewropew, fil-kuntest tad-djalogu soċjali tagħhom, għall-komponenti diversi tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi. Għal dak il-għan, għandu jħejji x-xogħol tal-bidu u d-diskussjonijiet bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali fil-forums differenti tal-konċentrazzjoni dwar materji ekonomiċi, soċjali u ta' xogħol.

Artikolu 2

Is-Sħubija

1. Is-Summit għandu jikkonsisti mill-President tal-Kunsill Ewropew, mill-Presidenza tal-Kunsill u ż-żewġ presidenzi sussegwenti, mill-Kummissjoni u mill-imsieħba soċjali, irrappreżentati fl-għola livell. Għandhom ikunu preżenti wkoll il-ministri minn dawk it-tliet presidenzi u l-Kummissarju responsabbli mill-impjiegi u l-affarijiet soċjali. Skont l-aġenda, jistgħu wkoll jiġu mistiedna biex jieħdu sehem ministri oħrajn minn dawn it-tliet presidenzi u Kummissarji oħrajn.

2. Ir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali se jiġu maqsumin f'żewġ delegazzjonijiet indaqs li jkun fihom 10 rappreżentanti tal-ħaddiema u 10 rappreżentanti ta' min iħaddem, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tkun żgurata parteċipazzjoni bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa.

3. Kull delegazzjoni għandha tikkonsisti minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet transindustrijali Ewropej, jew li jirrappreżentaw l-interessi ġenerali jew l-interessi aktar speċifiċi tal-persunal ta' superviżjoni u maniġerjali u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-livell Ewropew.

Il-koordinazzjoni teknika għandha tingħata lid-delegazzjoni tal-ħaddiema mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejd Unjins (ETUC) u lid-delegazzjoni ta' min iħaddem mill-Konfederazzjoni tan-Negozji Ewropej (BUSINESSEUROPE). L-ETUC u l-BUSINESSEUROPE għandhom jassiguraw li l-fehmiet espressi mill-organizzazzjonijiet speċifiċi u settorjali jkunu meqjusa bis-sħiħ fil-kontribuzzjonijiet tagħhom u għandhom, fejn jixraq, jinkludu r-rappreżentanti ta' wħud minn dawk l-organizzazzjonijiet fid-delegazzjonijiet tagħhom.

Artikolu 3
Tħejjija

1. L-aġenda tas-Summit għandha tkun iddeterminata b'mod konġunt mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-organizzazzjonijiet transindustrijali li jirrapreżentaw lill-ħaddiema u lil min iħaddem li jkunu qed jieħdu sehem fix-xogħol tas-Summit. Għal dan il-għan, isiru għadd ta' laqgħat preparatorji bejn is-servizzi tal-Kunsill, il-Kummissjoni, l-ETUC u l-BUSINESSEUROPE.
2. Is-suġġetti fl-aġenda għandhom ikunu diskussi mill-laqgħa tal-Kunsill fil-formazzjoni tiegħu ta' Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur.
3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tas-Summit. Is-segretarjat se jiżgura b'mod partikolari li d-dokumenti jitqassmu fil-ħin. Biex iħejji u jorganizza l-laqgħat, is-segretarjat tas-Summit għandu jistabbilixxi l-kuntatti xierqa mal-ETUC u l-BUSINESSEUROPE, li se jkunu responsabbli mill-koordinazzjoni tad-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom.

Artikolu 4
Tħaddim

1. Is-Summit għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena. Il-laqgħat għandhom isiru qabel is-seduti rispettivi tar-rebbiegħa u tal-ħarifa tal-Kunsill Ewropew.
2. Is-Summit għandu jkun ippresedut b'mod konġunt mill-President tal-Kunsill Ewropew u mill-President tal-Kummissjoni.
3. Il-laqgħat tas-Summit għandhom jissejħu mill-presidenti konġunti bl-inizjattiva tagħhom stess, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali.

Artikolu 5
Informazzjoni

Il-presidenti konġunti għandhom iħejju sommarju tad-diskussjonijiet tas-Summit biex jinfurmaw lill-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill u lill-pubbliku ġenerali.

Artikolu 6
Tħassir

Id-Deċiżjoni 2003/174/KE hija b'dan imħassra b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni l-ġdida.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President